1

# il-Gżejjer

IT-TMIEN SENA MEJJU 1979 NRU. 93

# IMPIEG PERMANENTI GĦAN-NIES TAL-KORPI



Il-Ministru Sant jindirizza lill-ħaddiema

IL-MINISTRU tax-Xogħlijiet u Sport, is-Sur Lorry Sant, dan l-aħħar ħabbar li fi żmien qarib madwar 2,300 membru tal-Korpi tax-Xogħol se jingħataw il-ħatra f'impieg permanenti mal-Ministeru li għalih huwa responsabbli hu.

Is-Sur Sant qal li din iż-żieda hekk kbira fil-Ministeru tax-Xogħlijiet hija dovuta għax-xogħol li dejjem qed jikber f'dan il-Ministeru liema xogħol se jkun jinkludi għadd ta' proġetti fosthom il-proġett ta' Marsaxlokk.

Il-Ministru Sant qal dan f'diskors ta' l-okkażżjoni wara li qassam ċertifikati tal-ħatra lil Chief Quantity Surveyors, Heavy Plant Drivers u Works Technical Officers kif ukoll lil madwar 100 chargehand fil-Ministeru tiegħu; waqt dinner dance li ġie organizzat mill-ħaddiema f'Raħal Ġdid.

Ta' min ifakkar li riċentement ukoll, il-Ministru Sant kien qassam ċertifikati tal-ħatra lil ħdax-il Welder/Burner. F'din l-okkażjoni ukoll, il-Ministru kien ħeġġeġ lill-ħaddiema biex jieħdu aktar interess fix-xogħol tagħhom għaliex issa għandhom iżjed opportunitajiet ta' promozzjoni.

# DELEGAZZJONI TAL-GVERN F'PAJJIŻI GĦARAB



Il-Ministru Sant fil-laqgħa li kellu mal-President ta' l-Emirati Arab Magħquda Sheikh Zayed Bin Sultan Al Nahayyan

**IL-MINISTRU tax-Xogħlijiet u Sport, is-Sur Lorry Sant, dan l-aħħar mexxa delegazzjoni tal-Gvern Malti lejn għadd ta' pajjiżi Għarab.**

Id-delegazzjoni Maltija żaret l-Iraq, is-Sirja, l-Emirati Għarab Magħquda u l-Arabja Sawdija.

Lura f'Malta l-Ministru Sant ta d-dettalji taż-żjara tiegħu lill-Kamra tar-Rappreżentanti nhar it-Tlieta, 15 ta' Mejju. Il-Ministru qal illi jeżistu possibilitajiet mill-aħjar għall-industrija Maltija sabiex din tesporta bis-sħiħ il-prodotti tagħha lejn dawn il-pajjiżi kbar Għarab.

L-industriji lokali, meta jżidu l-esportazzjoni tagħhom lejn dawn is-swieq ġodda, ikunu jistgħu jżidu wkoll in-numru ta' nies li huma jimpjegaw magħhom b'ġid kbir għall-ekonomija Maltija.

# Is-Sindku ta' Londra f'Malta



**IS-SINDKU (Mayor) ta' Londra, Sir Kenneth Cork wasal Malta nhar il-Ġimgħa, 27 ta' April għal żjara uffiċjali ta' ħamest ijiem.**

**Fir-ritratt Sir Kenneth jidher iżur il-Monument tal-Ħelsien fil-Birgu fejn hu poġġa bukkett fjuri.**

# ĦLAS TAL-BONUS

★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★

**BĦAL ma sar f'dawn l-aħħar snin, fix-xahar ta' Ġunju jitħallas l-ewwel parti tal-bonus li din is-sena huwa ta' £M40.**

**It-tieni parti tal-bonus, jiġifieri £M40 oħra jitħallas għall-aħħar tas-sena. B'hekk il-bonus kollu din is-sena se jkun ta' £M80.**

Ta' min ifakkar li, minbarra lill-ħaddiema kollha regolari, il-bonus jitħallas ukoll lil dawk il-persuni li huma ntitolati għall-pensjoni mhux kontributorja, kapijiet ta' familji li huma ntitolati għall-għajnuna soċjali (relief), pensjonanti tas-Sigurtà Nazzjonali (tal-bolli) liema pensjonanti kienu jikkwalifikaw għal pensjoni mhux kontributorja kieku mhux qed jirċievu l-pensjoni tal-bolli.

**Tajjeb wieħed ifakkar li dawk li jikkwalifikaw għal bonus taħt din il-iskema tas-Servizzi Soċjali jitilfu d-dritt għal dan il-bonus jekk kemm il-darba għandhom liċenzja tal-Pulizija biex imexxu negozju. Barra minn hekk dawk li fix-xahar ta' Mejju, jkunu qegħdin f'wieħed mill-isptarijiet tal-Gvern għax-xjuħ jew mard mentali u jkunu damu hemm għal iżjed minn għaxart ijiem matul dan ix-xahar, il-bonus tagħhom jingħadda lill-Kumitat tal-Welfare biex dan jużah fl-aħjar interess ta' dawn l-istess nies. B'hekk jiġi żgurat li dan il-bonus jitgawda mill-istess pazjenti li għalihom dawn il-flus ikunu nħarġu. Dawk il-persuni li kienu f'wieħed minn dawn l-isptarijiet bejn Diċembru 1978 u April 1979 jitnaqqsilhom parti minn sitta għal kull xahar li fih il-persuna ddum hemm għal mhux anqas minn għaxart ijiem.**

## IL-BONUS IKOMPLI JIŻDIED

| | |
|---|---|
| 1973 ... ... | £M 8 |
| 1974 ... | £M20 |
| 1975 ... | £M36 |
| 1976 ... | £M48 |
| 1977 ... ... | £M60 |
| 1978 ... | £M72 |
| 1979 ... ... | £M80 |

## Tagħrif mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali

Għal kull tagħrif dwar Servizzi Soċjali, wieħed jista' iċempel direttament fuq wieħed minn dawn in-numri matul il-ħinijiet tax-xogħol:—

| | |
|---|---|
| Uffiċċju Ċentrali, il-Belt | 22441 (7 linji) 24221 u 29086 |
| B'Kara ... ... ... ... | 44944 |
| Bormla ... ... ... ... | 26913 |
| Ħamrun ... ... ... ... | 23916 |
| Balzan ... ... ... ... | 47376 |
| Marsa ... ... ... ... | 23134 |
| Mosta ... ... ... ... | 491924 |
| Msida ... ... ... ... | 512509 |
| Paola ... ... ... ... | 605289 |
| Qormi ... ... ... ... | 45387 |
| Rabat ... ... ... .. | 674177 |
| San Ġwann ... ... ... | 38764 |
| Sliema ... ... ... ... | 30862 |
| San Pawl il-Baħar ... ... | 73247 |
| Valletta ... ... ... ... | 22441 24221 u 29086 |
| Żabbar ... ... ... ... | 882784 |
| Żebbuġ ... ... ... ... | 644166 |
| Żejtun ... ... ... ... | 897043 |
| Żurrieq ... ... ... ... | 820606 |
| Nadur ... ... ... ... | 76207 |
| Victoria ... ... ... ... | 76211 76091 |

# XIRKIET KOPERATTIVI

## U L-IŻVILUPP TAL-MOVIMENT KOPERATTIV F'MALTA U GĦAWDEX

**Il-Ministru ta' l-Agrikoltura u Sajd, l-Onor. Freddie Micallef, bħala l-Ministru responsabbli għall-iżvilupp ġejjieni tal-moviment koperattiv, qiegħed dejjem jisħaq fuq il-ġid li jista' jseħħ minn għaqda koperattiva fost dawk li jipproduċu u li jagħtu servizz, ġid li jibbenefika mhux biss lilhom infushom iżda wkoll lill-poplu in ġenerali.**

F'laqgħat riċenti bħal dawk tal-**Produtturi tal-Ħalib** u ta' l-imseħbin fil-**Koperattiva Ċentrali tal-Bdiewa,** il-Ministru ma naqasx li, barra milli jittratta l-problemi u l-għanijiet partikolari ta' kull koperattiva, jispjega wkoll bl-aktar kliem ċar il-politika tal-Gvern dwar l-iżvilupp ġejjieni tal-Moviment Koperattiv f'dawn il-Gżejjer, politika li trid titwettaq bħala riżultat tal-leġislazzjoni l-ġdida ta' l-1978 dwar ix-Xirkiet Koperattivi; liġi li ġiet imfassla minn Prof. Hans Munkner, espert Ġermaniż ta' fama internazzjonali fuq il-Koperattivi.

Qed inġibu hawn taħt siltiet minn artiklu ta' l-istess Prof. Munkner dwar il-Kondizzjonijiet meħtieġa minn qabel biex din il-liġi tista' taħdem.

**"Bidla fil-leġislazzjoni ma tfissirx bil-fors bidla fis-sitwazzjoni.**

**Il-Bdil li sar fl-1978 lil-liġi ta' l-1946 dwar il-Koperattivi kienet biss l-ewwel pass, u jinħtieġu miżuri oħra biex il-makkinarju tal-Gvern għall-iżvilupp koperattiv joħroġ mill-qagħda li kien ilu wieqaf fiha snin twal.**

**Il-miżuri meħtieġa, huma dawn:**

**(i) Il-pubblikazzjoni ta' stqarrija tal-politika tal-Gvern dwar l-iżvilupp ġejjieni tal-koperattivi f'Malta; din għandha minn naħa waħda sservi ta' gwida għall-mexxejja tal-moviment koperattiv, u min-naħa l-oħra sservi bħala mezz biex jitqies is-suċċess tal-Bord tax-Xirkiet Koperattivi fit-twettiq ta' din il-politika.**

**(ii) Miżuri biex il-Bord tax-Xirkiet Koperattivi jkun jista' jaħdem skond il-liġi l-ġdida bil-ħatra ta' uffiċjali koperattivi mħarrġin apposta kemm fl-amministrazzjoni u f'kemm f'ħidma ta' promozzjoni u ta' pariri li jista' jifhimhom il-poplu.**



**(iii) Bidu ta' programm ta' tagħlim u taħriġ għall-uffiċjali tal-Bord tax-Xirkiet Koperattivi, għall-uffiċjali tal-kumitati u l-membri tal-għaqdiet koperattivi, u għal gruppi nteressati fost il-pubbliku in ġenerali, inklużi t-tfal ta' l-iskejjel; dan ikun is-sisien għall-iżvilupp ġejjieni tal-koperattivi f'Malta.**

**(iv) Jibdew jittieħdu l-ewwel passi biex jiġi inkoraġġit it-twaqqif ta' għaqda bejn il-Koperattivi innifishom li 'l quddiem tkun tista' tħares l-interessi tal-Koperattivi kollha".**

# IS-SUĊĊESS TAT-TURIŻMU FIL-GŻEJJER MALTIN

**NHAR it-tlieta 8 ta' Mejju, il-Ministru tat-Turiżmu s-Sur Danny Cremona, fetaħ uffiċjalment il-Laqgħa tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Lukandi li saret fit-Teatru Manoel.**

Fid-diskors tiegħu, is-Sur Cremona qal li din il-laqgħa qed issir f'perijodu meta Malta qed tiġi magħrufa sewwa bħala ċentru tal-Konferenzi.

Il-Ministru kompla billi ta dettalji tas-suċċess ta' l-industrija tat-turiżmu fil-Gżejjer Maltin.

**Għalkemm l-industrija tat-turiżmu tagħna għadha komparattivament ġdida, diġà nistgħu ngħidu li pprovdiet lil pajjiżna b'livell soddisfaċenti ta' mpiegi f'dan is-settur.**

Ilħaqna stadju fejn impjegati f'din l-Industrija, lukandi, ristoranti eċċ., huma assigurati minn xogħol kontinwu mhux biss fix-xhur ta' l-istaġun turistiku iżda matul is-sena kollha.

Il-politika tal-Gvern li jiddiversifika l-pajjiżi mnejn jiġu t-turisti qegħda tagħti riżultati tajba u l-lum l-Air Malta qed tagħmel titjiriet diretti mill-Londra, Manchester, Ruma, Frankfurt, Munich, Vienna, Zurich, Pariġi, Brussels, Amsterdam, Tripoli u Tunez u dan l-aħħar żiedet titjiriet oħra minn Lyons, Kuwait u Dubai.

Il-Ministru Cremona jindirizza l-Laqgħa



**Malta bħalissa toffri 11,000 sodda fil-lukandi u 22,000 sodda oħra f'appartamenti u vilel. Is-sena l-oħra in-numru ta' dak li bl-Ingliż isejħulu 'bednights' f'hotels kien ta' 2.8 miljuni.**

Fl-1978 in-numru ta' mpjegati f'lukandi u ristoranti kien kważi 6,000. It-turisti li ġew fl-istess sena huwa kkalkolat li nefqu f'pajjiżna aktar minn £M50 miljun, somma li tlaħħaq l-14% mill-qliegħ totali barrani tagħna.

Minn dawn il-figuri wieħed malajr jinduna x'importanza din l-industrija għandha fl-ekonomija ta' pajjiżna u allura jifhem l-għala l-Gvern tant jisħaq u jirsisti biex dejjem iġib din l-industrija 'l quddiem. L-isforzi tal-Gvern flimkien ma' dawk tan-National Tourist Organisation qegħdin issa jagħtu l-frott tagħhom. Per eżempju s-sena l-oħra it-target ta' 425,000 turist ġie ssuperat bi 52,000 li kien ifisser żieda ta' 115,000 fuq is-sena ta' qabel.

**Biex nifhmu kif sejra ix-xejra tat-turiżmu biżżejjed wieħed isemmi li bejn Jannar u April ta' din is-sena żaru pajjiżna 133,000 turist, żieda ta' 33% fuq il-figura ta' l-istess perijodu tas-sena l-oħra.**

It-tabella ta' hawn taħt turi ż-żieda sabiħa ta' kull sena fin-numru ta' turisti bl-ammont ta' flus li dawn ikunu nefqu f'pajjiżna. Minn din il-lista naraw ukoll kemm għandna għax nibżgħu għaliha din l-Industrija.

Dawn il-figuri ma jinkludux it-turisti li jiġu għal ġurnata jew ftit siegħat fuq 'cruises'.

| Sena | Nru. ta' Turisti | Kemm Nefqu |
|---|---|---|
| 1971 | 178,704 | £M10.6 |
| 1972 | 149,913 | 8.5 |
| 1973 | 211,196 | 16.15 |
| 1974 | 272,516 | 22.3 |
| 1975 | 334,419 | 28.1 |
| 1976 | 339,537 | 28.7 |
| 1977 | 361,874 | 34.4 |
| 1978 | 477,741 | 50.1 |

# "IL-GŻEJJER" STAMPATA BL-"OFFSET"

**MILL-ĦARĠA ta' dan ix-xahar, "Il-Gżejjer" se tibda tiġi stampata bis-sistema "Offset". Għal dawk midħla fl-istampa dan ifisser ħafna; għall-oħrajn wieħed jista' jgħid li minflok il-makna tistampa direttament minn ċomb din tistampa minn "plates" li jsiru permezz tal-fotografija.**

Il-fotografija tagħti lok biex ikun jista' jsir titjib rigward il-preżentazzjoni kif tistgħu taraw mill-ħarġa li għandkom f'idejkom.

Dan it-titjib seta' jsir għax il-Gvern riċentement xtara makkinarju modern li jinkludi makna għall-'Offset' li tista' tieħu karta 640× 900 mm flimkien ma' apparat ieħor modern meħtieġ għall-preparazzjoni ta' l-"Offset Plates".

Biex ikun jista' jkompli jsir tibdil, ġie mixtri wkoll makkinarju tal-'phototypesetter' fejn anke l-kompożizzjoni tkun tista' ssir permezz tal-fotografija. Dan il-makkinarju mistenni jkun fl-Istamperija tal-Gvern dalwaqt.



Il-preparazzjoni għall-istampar

Stampar 'Offset' bil-makna ġdida



# INTI U L-LIĠI

Jiena ħadt post rekwiżizzjonat, minn għand id-Dipartiment tal-Housing. Qabel ma ħadtu, kont għamilt kuntratt ta' ċens temporanju, għal 17-il sena.

(1) Nista' nġib il-Bord biex forsi jraħħasli?

(2) Billi l-post jien ħadtu minn għand il-Housing il-kuntratt ta' ċens igħodd?

(1) Inti m'intix kerrej, imma ċenswalist, u għalhekk, sakemm inti ċenswalist, ma tistax iġġib il-Bord.

(2) Il-kuntratt li dħalt fih, igħodd.

* * *

Waħda xebba xiħa li kont indur biha ħallietli b'testment l-użufrutt ta' żewġ djar u kull ma fihom mill-għatba 'l ġewwa. Nixtieq inkun naf (1) jekk id-deheb li hemm f'waħda mid-djar nistax nużah, u (2) jekk inhix obbligata li nagħmel inventarju, kif qegħdin igħiduli l-werrieta, u jekk iva, spejjeż ta' min?

(1) Meta jkun hemm legat "mill-għatba 'l ġewwa, l-oġġetti tad-deheb u ħaġar prezzjuż, jekk ma jkunux imsemmija espressament, ma jidħlux.

(2) Jekk it-testatriċi, fit-testment, ma eżentatekx espressament mill-obbligu tal-inventarju, inti obbligata tagħmel dan l-inventarju quddiem nutar, spejjeż tiegħek.

* * *

**Il-ġiebja tal-ġara tasal sa biċċa sewwa taħt il-bitħa tiegħi. Jien nista' nħaffer ħorża u ninqeda bl-ilma?**

**Iva iżda, skond l-artikolu 479, trid tħallas nofs l-ispejjes li l-ġara għamlet biex ħaffret ħorża fil-fond tagħha.**

# FIT-TRIQ....

- Min ikun qed isuq xi vettura — karrozza, mutur jew rota (bicycle) — irid joqgħod ferm attent u jobdi r-regolamenti tat-traffiku.
- Min-naħa l-oħra, **min ikun miexi fit-triq** (pedestrian) irid ukoll isegwi ċerti regolamenti u juża s-sens komun.
- Qatt ma għandek timxi **barra mill-bankina.** Fejn ma jkunx hemm bankina **imxi dejjem fuq il-lemin tat-triq** biex inti tkun tista' tara t-traffiku ġej fuq in-naħa tiegħek.
- Qatt ma għandek titlajja f'nofs xi triq mingħajr bżonn assolut. Ftakar li t-triq qegħda hemm primarjament biex tintuża mit-traffiku.
- Meta taqsam it-triq, l-ewwel għandek tara li ma jkun ġej ħadd u mbagħad għandek taqsam **malajr u mill-iqsar wisgħa tat-triq.**
- Fejn ikun hemm **"zebra crossing"**, dejjem għandek taqsam minn fuqha, **iżda xorta waħda għandek toqgħod attent u ma taqsamx bl-addoċċ.**
- Jekk jista' jkun, taqsamx it-triq **f'salib it-toroq.**
- Fejn hemm is-"subways", **uża s-subways.**
- Meta tkun miexi bil-lejl,**dejjem għandek tkun liebes xi ħaġa ċara** sabiex int tkun tidher sewwa mis-sewwieqa tal-vetturi.
- Jekk, disgrazzjatament, waqt li tkun qed taqsam it-triq, int tara xi vettura ġejja fuqek, **int għandek tiddeċiedi mill-ewwel lil fejn int trid tmur u malajr** sabiex is-sewwieq tal-vettura jkollu ċans aħjar li jevitak.

# TAĦLIX ILMA

***JEKK HEMM XI VIT IQATTAR... IRRAPPURTAH!***

***Fil-kamra tal-banju jsir ħafna ħela ta' ilma. Tużax ħafna meta tista' tinqeda bi ftit.***

# Ħidma kbira mill-Gvern fit-Telekommunikazzjonijiet



Minħabba l-importanza li t-telekommunikazzjonijiet għandhom f'kull qasam tal-ħajja fid-dinja tal-lum, fl-1973 il-Gvern preżenti ħejja programm ta' espansjoni biex ilaħħaq mal-ħtiġiet immedjati u dawk tas-seba' snin ta' wara.

Waqt li kien qed isir l-ippjanar dettaljat u jinbnew exchanges ġodda, inbeda x-xogħol fuq it-tqegħid ta' cable u f'din l-ewwel fażi tħaffru madwar 6,000 metru kubu ta' trinek; tqegħdu madwar 18,000 metru ta' katusi u madwar 130,000 metru ta' cables. Ġew użati exchanges temporanji — iż-Żejtun b'6,000 linja u Valletta 800 linja; u żewġ exchanges mobbli ta' 800 linja l-waħda fiż-Żejtun u B'Kara. B'hekk setgħu jingħataw 6,000 servizz ġdid u twaħħlu 17,800 strument tat-telefon. L-24 linja li kien hemm għal Għawdex żdiedu għal 60.

Minkejja l-fatt li f'dawn l-aħħar 4 snin il-linji tat-telefon żdiedu b'26,000, Telemalta diġà bdiet fuq programm ieħor ta' espansjoni. Huwa kkalkolat li sa Diċembru ta' l-1979 f'Malta u Għawdex il-linji fl-exchanges ikunu jifilħu għal 60,000 linja. Barra mix-xogħlijiet meħtieġa li saru qabel April 1976, s'issa tħaffru madwar 46,000 metru kubu ta' trinek, tpoġġew 429,000 metru ta katusi u 497,000 metru ta' cables.

F'dawk li huma telephones ma' barra minn Malta, fost l-akkwisti li għamilna nsibu żieda minn 36 għal 48 channel fil-cable ma' Sqallija, u 'microwave link' ma' Sqallija b'180 channel li permezz tagħha wieħed jista' jiddalja direttament ma' persuni fl-Italja, Sqallija u l-Ingilterra.

Tant kiber it-traffiku ta' sejħiet ma' pajjiżi barranin li kellhom jiżdiedu d-'direct circuits' kemm ma' l-Ingilterra u l-Libja. Fl-istess ħin biex tiżdied l-effiċjenza tal-linji ma' l-Italja ġiet mibdula s-sistema u saru 'circuits' ġodda ma' Milan li minnhom nistgħu naqbdu ma' pajjiżi oħra. Fl-1978 saru 'circuits' diretti wkoll għall-Ġermanja tal-Punent u għall-Greċja.

F'dak li huwa telex, fl-1978 il-linji żdiedu b'200 biex saru 500. Minħabba d-domanda qawwija għal kommunikazzjoni ma' barra bit-Telex, fl-1978 wkoll ġew miżjuda 'circuits' tat-telex internazzjonali mar-Renju Unit, il-Libja u Franza; waqt li ġew stabbiliti 'circuits' ġodda mal-Ġermanja tal-Punent u l-Olanda.

**FOST is-servizzi l-oħra li toffri t-Telemalta nsibu:**

- Servizz ta' telegrammi għal barra lejl u nhar;
- Telex Booth pubbliku;
- Radio telegrams biex jiġu trasmessi lill-vapuri;
- 'Phototelegrams' għal kważi l-pajjiżi kollha tad-dinja.

**Il-Ministru Wistin Abela dan l-aħħar inawgura tagħmir ġdid tat-telefon f'Għawdex.**










**Jintuża apparat mill-aktar modern.**



# IL-GVERN JGĦIN LI SPORTS MALTI



Il-Ministru Sant waqt il-preżentazzjoni.

**NHAR il-Ħamis 17 ta' Mejju, il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, l-Onor. Lorry Sant, ippreżenta ċekkijiet li b'kollox jammontaw għal £M1,240 lil tliet assoċjazzjonijiet lokali bħala għajnuna għal attivitajiet ta' natura diversa.**

Il-Ministru Sant ippreżenta ċekk ta' £M240 lis-Sur Bertie Muscat u s-Sur Peter Tortell, President u Kaxxier rispettivament tal-Amateur Swimming Association, bħala għajnuna għat-tour li t-tim Malti tal-Waterpolo kien għamel fil-Jugoslavia bi tħejjija għal-logħob tal-Mediterran li se jsir fl-istess pajjiż f'Settembru li ġej.

Is-Sur Norman Worley, Segretarju tal-Badminton Association irċieva somma ta' £M500 bħala għajnuna għall-parteċipazzjoni tat-tim Malti tal-Badminton fl-Ewropa Cup, li saret aktar kmieni din is-sena fl-Awstrija.

Il-Ministru ppreżenta somma oħra ta' £M500 lis-Sur Gerry Bilocca, Segretarju tal-Playing Fields Association sabiex tkompli tieħu ħsieb il-faċilitajiet li jeżistu fil-playing fields imxerda ma' Malta u Għawdex.

Għall-preżentazzjoni attendew ukoll is-Sur Tony Borg, Segretarju Privat tal-Ministru, u s-Sur Tony Ghio, uffiċjal inkarigat mis-Sezzjoni Sport.

**IXTRI PRODOTT MALTI**

**GĦIN LILL-PAJJIŻEK U LILEK INNIFSEK.**

**IXTRI PRODOTT MALTI**

## IS-SEZZJONI SPORT TRASFERITA GĦALL-MARSA

**IS-SEZZJONI Sport tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport ġiet trasferita għaċ-Ċentru Sportiv, il-Marsa.**

**Kienet ilha ħafna tinħass il-ħtieġa li s-Sezzjoni ma tibqax ristretta kif kienet f'Beltissebħ u jkollha premises aktar adekwati minn fejn tista' tieħu ħsieb il-faċilitajiet sportivi li jaqgħu taħtha. Barra minn hekk, kumitati li jmexxu l-attivitaijet sportivi li jorganizza l-Ministeru jkunu jistgħu jiltaqgħu bla tfixkil u jippjanaw u jiddiskutu t-tmexxija ta' dawn il-kompetizzjonijiet.**

**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**

**Sezzjoni Sport**
**Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport**
**Ċentru Sportiv**
**Marsa**

**(Tel. No. 29501)**

# Tournament tal-Football tal-Militar



Il-preżentazzjoni tax-Shield mis-Sur Joe Griffiths f'isem il-Ministru Sant.

**IT-TIM ta' l-Alġerija ħareġ rebbieħ b'mod konvinċenti fit-tielet edizzjoni tat-Tournament Militari, organizzat mill-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport bejn l-14 u l-20 ta' Mejju. Fl-edizzjoni ta' din is-sena ħadu sehem il-Libja u l-Alġerija flimkien mal-Forzi Armati ta' Malta u l-Pulizija ta' Malta.**

L-Alġerija, b'età medja ta' 20 sena, mill-ewwel urew li kienu fi klassi għalihom b'rebħiet sbieħ fuq it-tim tal-Forzi Armati 2-0 u t-tim tal-Pulizija 6-0. Fl-aħħar logħba, kontra l-Libja, huma kienu jifilħu għal telfa ta' 3-0 u xorta jirbħu t-Tournament, imma fil-fatt huma kienu tajbin biżżejjed biex jerġgħu jirbħu 3-1 u b'hekk jirbħu t-Tournament b'punti massimi.

L-aktar players li spikkaw fit-tim Alġerin kienu d-difensur Mager, il-player tan-nofs Assad u l-attakkanti Bahbouh u Gagal. Ta' min igħid li f'logħbiet tal-militar, l-Alġerija għelbu lill-Italja 2-1 f'Ruma u lill-Olanda 3-1 f'Algiers.

It-tim tal-Pulizija spiċċaw fit-tieni post wara li kisbu draw ta' 2-2 kontra l-Libjani u għelbu lill-Forzi Armati 3-2. Il-Libjani, li spiċċaw it-tielet, kisbu żewġ draws kontra t-timijiet Maltin, filwaqt li l-Forsi Armati kisbu punt wieħed biss fi draw kontra l-Libjani 3-3. Il-preżentazzjoni tax-Shield lill-captain tat-tim Alġerin, Buznada, saret mis-Sur Joe Griffiths, Chairman tal-Kumitat Organizzattiv f'isem il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, is-Sur Lorry Sant, li kien indispost. Is-Sur Griffiths ippreżenta wkoll midalji lill-players Alġerini, u tazzi lill-captains tal-Pulizija u l-Libja, bħala t-timijiet li spiċċaw it-tieni u t-tielet rispettivament.

Ir-riżultati kollha tat-Tournament kienu dawn:

| | |
|---|---|
| Pulizija vs Libja | 2-2 |
| Alġerija vs Forzi Armati | 2-0 |
| Forzi Armati vs Libja | 3-3 |
| Alġerija vs Pulizija | 6-0 |
| Pulizija vs Forzi Armati | 3-2 |
| Alġerija vs Libja | 3-1 |

**Klassifika**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Alġerija | 3 | 3 | 0 | 0 | 11 | 1 | 6 |
| Pulizija | 3 | 1 | 1 | 1 | 5 | 10 | 3 |
| Libja | 3 | 0 | 2 | 1 | 6 | 8 | 2 |
| Forzi Armati | 3 | 0 | 1 | 2 | 5 | 8 | 1 |



# SKEJJEL TAL-KINDERGARTEN

**L-EDUKAZZJONI tat-tfal tibda mat-twelid tagħhom. Il-ġenituri u l-ambjent li fih jitrabbew huma l-akbar influwenza fuqhom. L-omm u l-missier jinfluwenzaw lit-tfal bil-mod kif ikellmuhom, l-attenzjoni li jagħtuhom, u l-opportunitajiet għall-istudju u l-logħob li huma kapaċi jagħtuhom.**

Dawn kollha għandhom is-sehem tagħhom biex it-tifel jew it-tifla jgħixu ħajja normali u tkun kuntenta.

Madankollu meta t-tfal jibdew jikbru dawn ikunu lesti biex jitħalltu aktar man-nies u ma' jibqgħux dejjem ma' djul ommhom. It-tfal jibdew jgħaddu minn esperjenzi li jistimulawhom intellettwalment. Jibdew isiru aktar indipendenti u jsiru aktar konxji tad-dinja ta' madwarhom. Jibdew jagħmluha aktar ma' tfal ta' mparhom u ma jitgerrxux min-nies li ma jkunux ta' ġewwa.

Ta' din l-età, jiġifieri meta jkollhom erba' snin it-tfal ikunu lesti biex jibdew imorru fi skejjel magħrufa bħala 'Kindergarten'.

Il-Gvern, fl-1975, fetaħ għadd ta' ċentri ta' din ix-xorta. Il-ġenituri ma naqsux li jwieġbu għas-sejħa ta' l-awtoritajiet ta' l-edukazzjoni u bagħtu bi ħġarhom l-uliedhom f'dawn il-'Kindergartens'.

Bħal f'kull pajjiż ieħor fejn twaqqfu dawn il-'kindergartens', l-għanijiet prinċipali kienu li wieħed jgħin lit-tfal jiżviluppaw kompletament, f'kull aspett tal-ħajja f'aspetti soċjali, fl-intelliġenza tagħhom fl-aspett fiżiku u emozzjonali.

Fil-'Kindergarten', it-tfal jistgħu joqgħodu hemm il-ġurnata kollha, jiġifieri anke fil-'break' ta' nofs in-nhar.

Fattur ieħor importanti huwa li t-tifel jew tifla jiġu ppreparati għall-iskola obbligatorja li jkollhom imorru fiha meta jikbru. Fil-'Kindergartens', it-tfal jitħallew jesprimu ruħhom fil-logħob u fit-tagħlim. Għalkemm ta' età żgħira ta' erba' snin, xorta ssib min ikun diġà wera t-tendenzi li jkunu se jaffettwawlu l-karattru għal għomru. Għalhekk huwa tant neċessarju li ta' din l-età tenera it-tfal jiġu iggwidati biex jibnu karattru sod u jiżviluppaw it-talenti tagħhom.

*Il-Kindergartens jgħinu lit-tfal jiżviluppaw kompletament f'kull aspett tal-ħajja*





# TAGĦLIM U LOGĦOB

**Fil-Kindergarten, it-tfal jistgħu joqogħdu hemm il-ġurnata kollha, jiġifieri anke fil-'break' ta' nofs in-nhar**



# Trasport aħjar bejn GĦAWDEX u MALTA




Il-Vapur 'Għawdex' f'Sa Maison

**FIL-POST fejn bħalissa qed jitrakka l-vapur "Għawdex", sa ftit ilu kien biss triq li ma kienet tintuża għal xejn speċjali.**

Malli ttieħdet id-deċiżjoni li l-vapur il-ġdid ta' Għawdex jibda jaħdem mill-Pietà Creek, in-naħa ta' Sa Maison, kien meħtieġ li jinbena moll ġdid kbir biżżejjed biex ikun jista' jsir bil-kumdità t-trasport tan-numru kbir ta' karozzi privati u trakkijiet li ta' kuljum jagħmlu użu mill-vapur.

Kien neċessarju wkoll li l-moll ikun attrezzat biex joperaw fuqu t-trakkijiet kbar tal-'containers' li sikwit jużaw dan is-servizz.

It-triq issa ġiet allinejata u mogħtija wiċċ tal-konkrit u tarmak biex issa tifforma parti mill-moll il-ġdid.

**Barra minn hekk, in-naħa tal-moll fejn se jinżlu u jitilgħu l-vetturi, issa qed jiġi estiż b'madwar 35 metru fil-baħar biex l-ispazju provdut jagħmilha faċli għall-ħatt u t-tagħbija u fl-istess ħin jiffaċilità t-traffiku li mistenni jkun hemm fil-ħinijiet tal-vapur.**

Bħalissa qed isir ix-xogħol preċiżament f'din in-naħa tal-moll; fejn qed jitqiegħdu blokki kbar ta' konkrit u ġebel fil-baħar bħala pedamenti għall-wisgħa li se ssir.

Sadanittant fil-baħar matul il-moll kollu kien meħtieġ ukoll li jsir kwantità estensiva ta' taħmil ta' materjal kif ukoll ta' qtugħ ta' blat. Ta' min isemmi li l-Prim Ministru ħa interess speċjali f'dan il-proġett; filwaqt li l-Ministru responsabbli mix-xogħol, is-Sur Lorry Sant, ta' spis ikun fuq il-post jissorvelja l-progress li jkun qed isir.

Bħala parti mill-kumpless kollu ta' dan il-proġett hekk siewi għall-Maltin u l-Għawdxin, il-blokk bini b'erba' sulari fejn riċentement kien hemm l-Uffiċini tad-Dipartiment tad-Djar, li jiġi fil-kantuniera ta' Triq Sa Maison, viċin il-moll, **se jkun mibdul f'Terminal għall-kumdità tal-passiġġieri.**

**Fil-pjan terran ta' dan il-bini se jsir il-Bar, fit-tieni sular il-V.I.P. lounge, fit-tielet sular se jkun il-lounge għall-pubbliku, u filwaqt li fuq nett se jsir ristorant. Il-bini kollu se jkun moqdi b'lift u f'kull sular se jkun hemm it-toilets.**

It-terminal innifsu sejjer ikollu aċċessi separati minn wara permezz ta' tliet mogħdijiet li jgħaddu minn ġol-ġnien ta' quddiem il-'boat-house' eżistenti u jagħtu, waħda għall-V.I.P. lounge fit-tieni sular, oħra għall-lounge tal-pubbliku fit-tielet sular u t-tielet mogħdija tagħti għar-ristorant fis-sular ta' fuq nett.



**Ix-xogħol fuq il-moll il-ġdid.**

Sadanittant, il-faċċata tas-sur li tagħti għall-baħar ġiet imnaddfa; u matul il-moll twaħħlu siġar u tqiegħdu bankijiet.

Ix-xogħol li huwa taħt is-sorveljanza tal-Perit Joe Mizzi tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet qed isir mill-ħaddiema ta' l-istess dipartiment mgħejjuna minn dawk tal-kuntrattur.

# TERMINAL għall-PASSIĠĠIERI



16

# 1979 IS-SENA INTERNAZZJONALI TAT-TFAL

It-tliet disinji rebbieħa fil-kompetizzjoni tal-bolli li saret f-okkażjoni tas-Sena Internazzjonali tat-Tfal










L-GĦAN prinċipali tas-Sena tat-Tfal huwa li jpoġġi lit-Tfal mad-dinja kollha għall-attenzjoni ta' kulħadd.

Il-Kummissjoni Nazzjonali Maltija, għas-Sena Internazzjonali tat-Tfal, ibbażat il-programm tagħha fuq is-sitwazzjoni prevalenti u l-bżonnijiet tat-Tfal ta' Malta. Il-Kummissjoni qegħda tagħmel kull ma tista' sabiex is-Sena Internazzjonali tat-Tfal tħalli l-effett meħtieġ u ttejjeb il-kundizzjonijiet tat-Tfal ma' kullimkien.

It-Tfal Maltin diġà għandhom ħafna benefiċċji, bħalma huma skejjel mingħajr ħlas minn 'Kindergarten' sa l-Università, kotba u ħalib b'xejn u 'children's allowance'.

L-amministrazzjoni postali ta' Malta, b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Nazzjonali Maltija għas-Sena Internazzjonali tat-Tfal, fit-13 ta' Ġunju sejra toħroġ set bolol ta' tlieta biex tfakkar din is-Sena tat-Tfal (1979).

It-tliet disinji ta' dan is-set ġew magħżula minn total ta' 321 disinn mibgħuta minn tfal li jattendu fi Skejjel Primarji.

Il-bolol juru rispettivament disinji ta' Alexandra Bonnici mill-Iskola ta' Ħaż-Żabbar (11-il sena), Anton Pisani (10 snin) mill-Iskola tal-Gżira u Michelle Fenech mill-Iskola tal-Mosta (9 snin).



Alexandra Bonnici
L-Ewwel Premju



Anton Pisani
It-Tieni Premju



Michelle Fenech
It-Tielet Premju

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — Stampat fl-U.Ċ.S. — Stamperija tal-Gvern